C/2024/6728

8.11.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Novembru 2024

li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għal-Latvja

(C/2024/6728)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2020 [2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perjodu mill-20 ta' Ottubru 2020 sad-19 ta' Ottubru 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Ilona KIUKUCĀNE sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.

(3) Il-Gvern tal-Latvja nnomina kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Sintija SĒJĒJA hija maħtura membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sa Ilona KIUKUCĀNE għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

VARGA M.

---

[1] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali (ĠU C 315 I, 23.9.2020, p. 1).